



0069/2015

2.12.2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-aċċess għal apparat akustiku

Renate Sommer (PPE), Peter Liese (PPE), Ádám Kósa (PPE), Françoise Grossetête (PPE), Giovanni La Via (PPE), Glenis Willmott (S&D), Pavel Poc (S&D), James Nicholson (ECR), Stefan Eck (GUE/NGL), Gesine Meissner (ALDE)

Data ta' skadenza: 2.3.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
dwar l-aċċess għal apparat akustiku¹**

1. Madwar 10 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea ssorfri minn xi forma ta' nuqqas ta' smiġħ. Dan ifisser madwar 51 miljun Ewropew.
2. Ir-riċerka tissuġġerixxi li ċ-ċittadini b'diżabilitajiet tas-smiġħ huma f'riskju ferm akbar ta' esklużjoni mis-soċjetà u mis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-istudenti b'diżabilitajiet tas-smiġħ jkomplu jiffaċċejaw diffikultajiet akbar fl-edukazzjoni.
3. L-Artikoli 5 u 26 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tiddikjara li d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabbiltà għandha tīgħi pprojbita. L-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt ta' persuni b'diżabilità li jgawdu minn miżuri mfassla biex tīgħi żgurata l-indipendenza tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali tagħhom.
4. L-użu ta' apparat akustiku huwa wieħed mill-mezzi l-aktar effettivi biex tipprovdi appoġġ għal dawk li jesperenzaw telf ta' smiġħ. Apparat akustiku, flimkien ma' tagħmir kompatibbli ta' assistenza tas-smiġħ, jipprovdi aċċess kosteffikaçi għall-edukazzjoni u bħala tali għal prospetti mtejba ta' impjieg.
5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għalhekk huma mitluba jrawmu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki rigward l-għoti ta' aċċess ffinanzjati mill-istat għall-apparat akustiku bil-ħsieb li jtejbu l-ħajja taċ-ċittadini li jbatu minn telf ta' smiġħ fl-UE.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgħi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.